BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**14 ta' Frar 2014**

**ĦARĠA NRU 11/2013**

**NOVEMBRU 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar l-iżviluppi monetarji għax-xahar ta' Novembru 2013.

## Depożiti ta' residenti f'Malta

F'Novembru, id-depożiti ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu b'€134.5 miljun, jew b'1.4% (ara Tabella 1). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali telgħet għal 9.6% minn 7.8% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

It-tkabbir fid-depożiti seħħ l-aktar minħabba żieda fid-depożiti *overnight*, li żdiedu b'€101.1 miljun, jew b'1.8%. Dan seħħ, fil-biċċa l-kbira, minħabba żieda fil-bilanċi tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji u tal-individwi, li flimkien pattew għal tnaqqis fil-bilanċi tal-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Minħabba f'hekk, id-depożiti *overnight* żdiedu b'pass annwali aktar mgħaġġel f'Novembru, bir-rata titla' għal 17.2% minn 15.0% f'Ottubru.

Id-depożiti li jintrabtu sa sentejn ukoll żdiedu bi €33.2 miljun, jew b'0.9%, fuq ix-xahar ta' qabel, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u, fi grad inqas, tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji u tal-individwi. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti saret waħda pożittiva u telgħet għal 0.9% f'Novembru minn -0.7% f'Ottubru. Fl-istess waqt, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur żdiedu b'€0.2 miljun, jew b'0.2%, matul ix-xahar.

## Kreditu mogħti lil residenti f'Malta

F'Novembru, il-kreditu mogħti minn IFM residenti f'Malta lil residenti f'Malta naqas b'€24.1 miljun, jew b'0.2%, wara tnaqqis fil-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali. Ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 1.1% f'Novembru, minn 1.8% f'Ottubru.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas bi €32.0 miljun, wara tnaqqis fl-ammonti ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-banek li għeleb żieda fil-portafolji tagħhom ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta. Dawn tal-aħħar irriflettew parzjalment il-ħruġ ta' stokks fis-suq primarju matul ix-xahar. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali battiet għal 7.2% minn 9.8% x-xahar ta' qabel.

Min-naħa l-oħra, il-kreditu lil residenti barra s-settur tal-gvern ġenerali żdied b'€7.9 miljun, jew b'0.1%. Din iż-żieda seħħet kważi għalkollox minħabba żieda fis-self mogħti lill-individwi, partikolarment għas-self għax-xiri tad-djar. B'kuntrast għal dan,

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org
**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

kien hemm tnaqqis żgħir fil-kreditu lil kumpaniji mhux finanzjarji, l-aktar minħabba tnaqqis fis-self mogħti lis-settur tal-kostruzzjoni. Kollox ma' kollox, iż-żieda fil-kreditu matul ix-xahar kienet iżgħar minn dik irreġistrata tnax-il xahar qabel. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali niżlet għal -0.6% f'Novembru minn -0.4% f'Ottubru.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM residenti f'Malta naqsu b'€24.7 miljun, jew b'0.3%, hekk kif tnaqqis sostanzjali fl-assi barranin għeleb tnaqqis fl-obbligazzjonijiet *(liabilities)* korrispondenti (ara Tabella 1).[1] It-tnaqqis fl-assi barranin seħħ primarjament minħabba tnaqqis fl-ammonti miżmuma ta' titoli, flimkien ma' tnaqqis fis-self lill-barranin. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet *(liabilities)* irrifletta l-aktar it-tnaqqis fis-self minn banek barranin, għalkemm id-depożiti ta' residenti barranin ma' banek residenti naqsu wkoll. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali l-assi barranin netti naqsu b'20.1% fis-sena sa Novembru, għall-kuntrarju ta' tnaqqis ta' 18.9% fit-tnax-il xahar sa Ottubru.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Novembru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha tal-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset b'punt bażi għal 1.40%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM residenti f'Malta fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset b'erba' punti bażi għal 4.25%.

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet żewġ punti bażi inqas meta mqabbla ma' sena qabel, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet tmien punti bażi inqas.

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€75.2 miljun, jew b'0.7% f'Novembru, għal €11.4 biljun (ara Tabella 2). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 11.3% minn 10.5% x-xahar ta' qabel.

Ċaqliq fl-M3 f'Novembru seħħ kompletament minħabba żviluppi fil-komponent monetarju intermedju (M2). L-M2 żdied b'€118.2 miljun, jew b'1.1%, fuq ix-xahar ta' qabel. B'kuntrast għal dan, l-ammonti netti miżmuma ta' titoli negozjabbli, li wkoll jagħmlu parti mill-M3, naqsu bi €43.0 miljun, jew b'21.2%, matul ix-xahar.

L-aggregat monetarju ristrett (M1), li jagħmel parti mill-M2, żdied b'€96.2 miljun, jew b'1.4%, matul ix-xahar minħabba żidiet fid-depożiti *overnight* u fil-flus maħruġa. Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€95.6 miljun, jew b'1.6%, minħabba żieda fil-bilanċi ta' residenti f'Malta. Fl-istess waqt, il-flus maħruġa żdiedu bi ftit. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 telgħet għal 15.5% f'Novembru, minn 13.8% x-xahar ta' qabel.

---

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

Id-depożiti li jintrabtu sa sentejn, li wkoll jagħmlu parti mill-M2, żdiedu b'€21.7 miljun, ukoll minħabba żieda fil-bilanċi tar-residenti. Id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, żdiedu bi ftit.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lil residenti taż-żona tal-euro naqas b'€473.6 miljun, jew bi 3.1%, minħabba tnaqqis fil-kreditu mogħti lill-gvern ġenerali u lil setturi oħra. Minħabba f'hekk, f'Novembru, il-kreditu naqas b'pass aktar mgħaġġel ta' 7.6% fuq bażi sena fuq sena, wara tnaqqis ta' 4.1% f'Ottubru.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'€163.1 miljun, jew b'4.1%, f'Novembru u dan irrifletta tnaqqis fl-ammonti miżmuma ta' titoli tal-gvernijiet taż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, il-kreditu lil setturi oħra naqas bi €310.5 miljun, jew bi 2.8%. It-tnaqqis seħħ kompletament minħabba tnaqqis fil-kreditu mogħti lil residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta. Dan seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammonti miżmuma ta' titoli maħruġa mill-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Minbarra dan, bank b'orjentament internazzjonali naqqas b'mod sinifikanti s-self tiegħu lil kumpaniji mhux finanzjarji.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f'Malta u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, naqset b'€1.5 biljun, jew b'14.4%. Dan hu r-riżultat ta' tnaqqis sinifikanti fl-obbligazzjonijiet esterni ta' residenti barranin li seħħ l-aktar minħabba tnaqqis fl-ammonti miżmuma ta' titoli. Dan seħħ flimkien ma' tnaqqis fid-depożiti miżmuma ma' IFM oħra, kif ukoll tnaqqis fis-self. L-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin naqsu wkoll, għalkemm fi grad inqas, minħabba tnaqqis fid-depożiti miżmuma ma' IFM residenti f'Malta u tnaqqis fir-*repurchase agreements*. Kollox ma' kollox, il-kontroparti esterna naqset b'4.6% fis-sena sa Novembru, filwaqt li kienet żdiedet b'14.0% fis-sena sa Ottubru. Ċaqliq kbir fil-kontroparti esterna rrifletta l-aktar it-transazzjonijiet transkonfinali ta' banek internazzjonali li joperaw minn Malta.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, naqset bi €2.1 biljun, jew b'14.5%, matul ix-xahar l-aktar minħabba t-tnaqqis f'obbligazzjonijiet *(liabilities)* oħra (netti). Dan irrifletta l-aktar it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet tal-banek residenti lejn banek residenti f'pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet *(liabilities)* finanzjarji fuq żmien itwal naqsu b'€130.5 miljun, jew b'1.3%, minħabba tnaqqis fil-valur tar-riżervi li seħħ minħabba tibdiliet fil-prezzijiet tas-suq u ċaqliq fir-rata tal-kambju. Sadattant, l-obbligazzjonijiet lejn il-gvern ċentrali naqsu bi €15.0 miljun, jew bi 2.6%, hekk kif naqsu d-depożiti tal-gvern.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*EUR miljuni*

| | Nov-13 | Ott-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Nov-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Nov-13 | Ott-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **9,631.4** | **9,496.8** | **134.5** | **1.4** | **8,787.3** | **9.6** | **7.8** |
| Depożiti *overnight* | 5,788.9 | 5,687.8 | 101.1 | 1.8 | 4,939.8 | 17.2 | 15.0 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 109.8 | 109.5 | 0.2 | 0.2 | 149.5 | -26.6 | -23.0 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,732.7 | 3,699.5 | 33.2 | 0.9 | 3,698.0 | 0.9 | -0.7 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,227.1** | **11,251.2** | **-24.1** | **-0.2** | **11,108.0** | **1.1** | **1.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,571.3 | 2,603.3 | -32.0 | -1.2 | 2,398.5 | 7.2 | 9.8 |
| Self lil setturi oħra | 8,655.7 | 8,647.9 | 7.9 | 0.1 | 8,709.5 | -0.6 | -0.4 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **9,829.4** | **9,854.1** | **-24.7** | **-0.3** | **12,306.6** | **-20.1** | **-18.9** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 41,307.5 | 43,262.2 | -1,954.7 | -4.5 | 44,177.1 | -6.5 | 1.0 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 31,478.1 | 33,408.1 | -1,930.0 | -5.8 | 31,870.6 | -1.2 | 8.9 |

[1] It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
[2] Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

### TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
### LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1][2]

*EUR miljuni*

| | Nov-13 | Ott-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Nov-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Nov-13 | Ott-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[3]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,735.3** | **6,639.1** | **96.2** | **1.4** | **5,833.0** | **15.5** | **13.8** |
| Flus maħruġa[4] | 763.0 | 762.4 | 0.6 | 0.1 | 713.5 | 6.9 | 6.5 |
| Depożiti *overnight* [5] | 5,972.3 | 5,876.6 | 95.6 | 1.6 | 5,119.5 | 16.7 | 14.8 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **11,252.3** | **11,134.1** | **118.2** | **1.1** | **10,060.5** | **11.8** | **10.5** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,735.3 | 6,639.1 | 96.2 | 1.4 | 5,833.0 | 15.5 | 13.8 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[5] | 109.8 | 109.6 | 0.2 | 0.2 | 151.0 | -27.3 | -23.9 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[5] | 4,407.2 | 4,385.4 | 21.7 | 0.5 | 4,076.5 | 8.1 | 7.1 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **11,412.0** | **11,336.8** | **75.2** | **0.7** | **10,250.3** | **11.3** | **10.5** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 11,252.3 | 11,134.1 | 118.2 | 1.1 | 10,060.5 | 11.8 | 10.5 |
| Titoli negozjabbli[6] | 159.7 | 202.7 | -43.0 | -21.2 | 189.8 | -15.8 | 6.4 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,565.0** | **15,038.5** | **-473.6** | **-3.1** | **15,766.5** | **-7.6** | **-4.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,857.6 | 4,020.7 | -163.1 | -4.1 | 3,678.3 | 4.9 | 11.1 |
| Self lil setturi oħra | 10,707.4 | 11,017.8 | -310.5 | -2.8 | 12,088.3 | -11.4 | -8.7 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **9,179.2** | **10,722.7** | **-1,543.6** | **-14.4** | **9,618.3** | **-4.6** | **14.0** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 32,180.2 | 34,109.5 | -1,929.3 | -5.7 | 33,279.5 | -3.3 | 7.0 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,001.0 | 23,386.8 | -385.8 | -1.6 | 23,661.2 | -2.8 | 4.1 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **12,332.3** | **14,424.5** | **-2,092.3** | **-14.5** | **15,134.6** | **-18.5** | **-2.7** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 556.9 | 571.9 | -15.0 | -2.6 | 668.9 | -16.7 | 2.1 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 9,992.6 | 10,123.1 | -130.5 | -1.3 | 12,732.1 | -21.5 | -19.5 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,782.8 | 3,729.6 | -1,946.7 | -52.2 | 1,733.6 | 2.8 | 120.0 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.
(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.
(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.
(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.
(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.